*- SOPRASESSJONI -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 6 ta' Frar 2002.**

**Kawza Numru: 7**
**Citazzjoni Numru: 2061/99/RCP**

**Registratur tal-Qrati Superjuri**

**vs**

**General Workers Union (GWU)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi b'rikors tal-20 ta' Awwissu 1999, is-socjeta' Malta International Airport plc talbet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-Unjoni Haddiema Maqhqudin (UHM) u l-General Workers *Union* (GWU), li bih talbu li l-intimati jigu

mizmuma milli jkomplu jippromwovu jew izommu fis-sehh azzjonijiet industrijali fl-azjenda tal-istess Malta International Airport plc u/jew direttivi ghal tali azzjonijiet jew b'xi mod iehor iwaqqfu l-andament tax-xoghol fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u fil-Heliport ta' Ghawdex operati mill-istess rikorrenti, u talbu l-hrug tal-mandat bl-urgenza anke provvizorjament stante illi anke' fl-istess gurnata kien hemm azzjonijiet ikkontemplati li kienu sejrin jikkrejaw diffikultajiet biex l-operazzjonijiet fl-Ajruport ikomplu, (Dokument "XI").

Illi b'digriet tal-istess jum 20 ta' Awwissu 1999, din il-Qorti *inter alia* ordnat il-hrug provvisorju tal-mandat ta' inibizzjoni numru 3751/99, (Dokument "X2").

Illi l-Malta International Airport plc, b'rikors tat-23 ta' Awwissu 1999, giebu ghak-konjizzjoni ta' din il-Qorti li l-intimati General Workers *Union* (GWU), konvenuti odjerni, gew debitament notifikati bl-imsemmi digriet f'nofs in-nhar tal-20 ta' Awwissu 1999, u illi wara dak il-hin l-istess intimati, konvenuti odjerni, komplew jippromwovu l-azzjonijiet industrijal li gja' kienu fis-sehh kif ukoll taw direttivi godda, li wahda minnhom kienet l-estensjoni verbali tad-direttiva originali in oltre l-hin li fih kellu jkun hemm l-ewwel waqfien mix-xoghol, liema estensjoni inghatat fi tmiem laqgha li saret ma' dirigenti tal-istess Malta International Airport plc, ghal xi n-nofs siegha ta' wara l-ikel, u talbu li din il-Qorti tordna lir-Registratur jiehu l-

passi necessarji skond l-Artikolu 1003A tal-Kap.12, (Dokument “X3”).

Illi b’digriet tat-2 ta’ Settembru 1999, din il-Qorti laqghet it-talba w ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex tibda l-procedura ta’ disprezz kontra l-konvenuti odjerni General Workers’ *Union* fit-termini tal-precitat artikolu tal-ligi, (Dokument “X4”).

L-istess attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

(1) issibhom hatja ta’ disprezz ghall-awtorita taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12); u

(2) tikkundannahom ghall-pieni preskritti mill-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni, u bit-twissija li jekk ma jidhrux huma jistghu jigu mgieghela biex jwiegbu ghall-akkuza bil-mezz ta’ mandat ta’ skorta jew ta’ arrest.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 9 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-General Workers' *Union* fejn gie eccepit:

(1) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li l-eccipjenti ma kkommettew l-ebda disprezz lejn l-Awtorita ta' din l-Onorabbli Qorti fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12).

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol 13 u 14.

Rat il-verbal tad-29 ta' Frar 2000, tat-3 ta' Mejju 2000 fejn xehdet Ms Gemma Debono.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qorti tal-4 ta' Mejju 2000 u d-dokumenti esebiti (fol 24 sa 45).

Rat il-verbal tal-11 ta' Lulju 2000 fejn xehdu Mario Cuomo, Alfred Mangion u Jospeh Darmanin.

Rat il-verbali tal-15 ta' Novembru 2000, tat-28 ta' Marzu 2001, tas-27 ta' Gunju 2001 fejn xehdu l-Marixxall Joseph Borg u Alfred Mangion, u Dr Zammit iddikjara li f'dan l-istadju m'ghandux provi aktar.

Rat in-nota tal-General Workers' *Union* tal-20 ta' Awissu 2001 u d-dokumenti hemm esebiti (fol 122 sa 138).

Rat il-verbal tal-15 ta' Novembru 2001 fejn Dr Victor Zammit ghall-attur informa li l-kawza pendenti quddiem l-Imhallef G Valenzia giet deciza fid-19 ta' Ottubru 2001 u prezenta kopja tal-istess *seduta stante*. Il-kawza giet differita biex il-Qorti taghti provvedment fuq it-talba tal-*Union* konvenuta ghas-soprasessjoni ghas-6 ta' Frar 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din id-decizjoni hija limitata dwar il-punt sollevat mill-*Union* konvenuta fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2001, fejn l-istess *Union* konvenuta ghamlet riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **"General Workers *Union* vs Malta International Airport p.lc"** li kienet differita ghas-sentenza ghad-19 ta' Ottubru 2001 fejn giet attakata il-validita' *o meno* tal-mandat ta' inibizzjoni mertu tal-kawza odjerna, li fuqu din il-kawza titratta dwar proceduri ta' disprezz fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.

Illi fil-fatt jirrizulta li b'sentenza datata 19 ta' Ottubru 2001 fil-kawza premessa fl-ismijiet **"General Workers *Union* vs Malta International Airport plc et"** (P.A. G.V.) gie effettivament li skond l-**artikolu 2 (f) tal-Kap 266** *"ir-rikonoxximent minn principali jew assocjazzjoni ta' principali tad-dritt ta' trade Union li tipprezenta haddiema f'xi negozjati jew konsultazzjonijiet hi konsidrata bhala tilwima tax-xoghol. Fil-fatt l-ewwel Qorti kienet irrikonoxxiet li l-unika kwistjoni li kien hemm mas-socjeta' konvenuta MIA kienet biss kwistjoni ta' rikonoxximent. Ghalhekk ma tista' tittiehed ebda azzjoni fil-konfront ta' Union dwar delitti jew kwazi delitt minhabba eghmil li jkun allegat li sar minn jew f'isem trade Union (Art.17. Kap 266). Lanqas ma setgha jinhareg il-mandat in kwistjoni. Jigi nnotat li l-kaz kien gie riferit lit-Tribunal Industrijali bhala tilwima tax-xoghol u dan gie kostitwit biex jisma din it-tilwima tax-xoghol".*

Illi in vista ta' dan dik l-Onorabbli Qorti iddecidiet l-istess kawza billi irrevokat id-digriet ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni numru 3751/99, u wkoll il-digriet tal-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni provissjorju fl-ismijiet "Malta International Airport plc. vs Unjoni Haddiema Maghqughin (UHM) et" u ordnat il-hrug tal-kontro-mandat relattiv.

Illi jidher li abbazi ta' din is-sentenza l-konvenuti qed jitolbu li din il-Qorti tissoprasjedi pendenti il-proceduri tal-appell fuq l-istess sentenza.

Illi fl-ewwel lok din l-Qorti tirrileva li l-kawza fuq imsemmija deciza fid-19 ta' Ottubru 2001, kienet ilha prezentata mill-5 ta' Ottubru 1999, u ghalhekk qabel mal-konvenuti odjerni kienu pprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom f'din il-kawza fil-24 ta' Jannar 2000, u ghalhekk din il-Qorti issibha stramba, jekk il-konvenuti qed ihossu li huma gusitifikati li jitolbu is-soprasessjoni ta' din il-Qorti f'din il-kawza, ghaliex tali soprasessjoni ma gietx mitluba minn qabel, u biss fl-istadju meta l-kawza l-ohra kienet ghas-sentenza, u llum deciza mill-Ewwel Qorti. Hija l-opinjoni ta' din il-Qorti, li jekk kien hemm kaz ta' soprasessjoni dan kellu jigi mressaq mill-ewwel u mhux f'dan l-istadju.

Illi pero' apparti dan huwa ormati stabbilit fil-gurisprudenza taghna li ghalkemm il-punt jew l-eccezzjoni ta' soprasessjoni, fis-sens illi l-Qorti ghandha tieqaf milli tkompli tisma l-kawza bhala tali, fis-sistema taghna ma hijiex ikkontemplata ghaliex fil-Kodici Civili hemm biss l-artikoli 792 u 794 li jirreferixxu biss ghall-kuncett ta' *litis pendentia*, hemm pero' **fl-artikolu 965 Kap 12***, 'fejn hemm indikat fejn il-Qorti tista' tissospendi t-trattazzjoni taghha 'sakemm tigi deciza kawza ohra'* u kif intqal fis-sentenza **"Lawrence Cuschieri vs Onor. Prim Ministru"** (Q.K. 12 ta' Awissu 1994) *dawn il-kazijiet huma ikkunsidrati tant eccezzjonali illi – kif jiddisponi l-istess artikolu – huma soggetti ghal perikolu ta' dezerzjoni jekk kemm-il darba l-parti interessata ma attentatx biex fi zmien qasir tirraviva l-kawza sospiza. Izda jidher car li dawn is-sosspensjonijiet huma fakoltativi ghall-Qorti u mhux obbligatorji u infatti*

*jibqghu dejjem apprezzabbilment aleatorji u ghalhekk appenna ttolerati fis-sistema guridiku, tant illi din il-fakolta' ta' soprasessjoni hija msemmija f'dik il-parti tal-Kodici ta' Procedura li titratta mid-dezerzjonijiet prezunti tal-kawzi".* (**"Joseph Camilleri nomine vs Joseph Vassallo Gatt proprio et nomine" –** P.A. (AJM) 23 ta' Mejju 1997 – LXXXI.iii.83)

Illi ghalkemm din il-Qorti, thoss li l-kuncett ta' soprasessjoni ma huwiex necessarjament intimament konness mal-kuncett ta' dezerzjoni ta' kawza, xorta jibqa' l-fatt li s-soprasessjoni hija kkunsidrata bhala *"rimedju straordinarju li l-Qorti ghandha tirrikori ghalih biss meta huwa mehtieg fl-interess ta' amministrazzjoni tal-gustizzja x'hin tinqala kwistjoni delikata u gdida li decizzjoni taghha tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-ezitu tal-kawza jew minhabba li n-natura guridika taghha ma jkunx konvenjenti li tigi ezaminata u deciza hlief f'kawza ohra li tkun trid tigi proposta separatament".* **"Carmelo Mallia et vs Andrew Bezzina et"** (A.C. (H.H.) 22 ta' Mejju 1989 – LXXIII.ii.338).

Illi fis-sentenza **"Dr. Alfred Mifsud vs Onor. Prim Ministru et"** (Q.K. 20 ta' Lulju 1994 – LXXVIII.i.171 inghad illi: "*is-soprasessjoni hija, minnha nfisha, mizura eccezzjonalissima ghaliex tiffrena l-andament normali ta' kawza b'mod illi twaqqaf ghalhekk dik l-ispeditezza li tesigi l-gustizzja biex kull kawza tinqata' fi zmien ragonevoli. Dan il-principju huwa trasmess lill-gudikant specifikament fl-artikoli 195,211 u 212 Kap 12 u b'mod generali mbaghad,*

*b'dawk l-artikoli kollha li fl-istess Kodici ta' Procedura, jirregolaw it-trattazzjoni tal-kawzi",* nkluz l-**artikolu 195 tal-Kap 12** li jipprovdi *"li kawza appuntata ghas-smiegh, ghandha tibqa' sejra tigi trattata sa l-ahhar"* u hawn issir riferenza ghas-sub-artikoli relattivi tal-istess artikolu.

Illi konsistentement ma dan fis-sentenza **"Il-Pulizija vs Mario Camilleri"** (A.K. (C.A.A.) 31 ta' Lulju 1987 – LXXI.ii.861) gew indikati wkoll il-binarji fejn tali talba jew eccezzjoni ta' soprasessjoni tkun tista' tigi mressqa posittivament ghalkemm dan gie ikkonsidrat fil-kamp tal-procedura kriminali, li pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti jista' jigi applikat ghall-procedura civili u anke kostituzzjonali u cioe':-

*"Infatti kif deciz minn din il-Qorti in re.* ***"Il-Pulizija vs Joseph Micallef Stafrace. B.A. LL.D"*** *Vol.XLIII.iv.980, sabiex ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jehtieg li l-Qorti ta' Gurisdizzjoni Kirminali investita bil-kwistjoni principali ma jkollhiex l-elementi bastevoli biex taqta' l-eccezzjoni li ghar-rigward taghha tkun qieghda tintalab is-soprasessjoni jew li dik il-Qorti tkun fil-guridika impossibilita' li tiddeciedi l-kwistjoni principali qabel ma tigi deciza minn tribunal iehor. (Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza l-ohra ta' din il-Qorti in re* ***"Il-Pulizija vs Paul Laferla"*** *Vol.XLV.iv.1012).*

Illi fid-dawl ta' dan kollu ghandha tigi kkunsidrata l-pendenza odjerna. Fil-fatt jirrizulta li c-citazzjoni li din il-Qorti ghandha quddiemha hija dik ta' allegazzjoni ta'

disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti stante li qed issostni li nonostante l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 3751/99 fl-ismijiet "Malta International Airport plc. Vs Unjoni Haddiema Maghqughin (UHM) et" degretat provissorjament fl-20 ta' Awissu 1999 fil-11.32.a.m.u nonostante li l-istess digriet gie notifikat lill-konvenuti fl-20 ta' Awissu 1999 f'nofsinhar, l-istess konvenuti komplew bl-azzjoni industrijali taghhom, u ghalhekk qed jitolbu li din il-Qorti ssib lill-istess konvenuti hatjin ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti. Illi l-eccezzjoni li inghatat ghal din il-kawza hija biss fis-sens li l-eccipjenti ma kkommettew l-ebda disprezz, ghaliex kif elenkat fid-dikjarazzjoni tal-istess *Union* konvenuta, l-istess konvenuti qed issostnu li huma waqqfu id-direttivi taghhom ghall-azzjonijiet industrijali hekk kif saru jafu bl-istess digriet provissorju.

Illi min-naha l-ohra l-kawza l-ohra li saret riferenza ghaliha mill-konvenuti hija kawza fejn gie kontestat l-istess digriet innifsu ghall-hrug tal-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni datat 23 ta' Awissu 1999, u d-digriet provissorju tal-20 ta' Awissu 1999, fuq il-bazi li dan il-Mandat ta' Inibizzjoni ma setghax jinhareg ghaliex tali azzjonijiet industrijali konsegwenti ghal tilwima tax-xoghol skond **artikolu 2 tal-Kap 266** huma prottetti taht l-**artikolu 17 tal-Kap 266,** u ghalhekk intalbet ir-revoka tal-istess Digrieti. Tali talba giet milqugha bis-sentenza fuq riferita tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-19 ta' Ottubru 2001 (G.V.) izda l-istess kawza tinsab pendenti quddiem l-Onortabbli Qorti tal-Appell.

Illi f'dan l-isfond, ghalkemm din il-Qorti tista' tifhem li z-zewg kawzi jittrattaw dwar il-konsegwenzi u l-effetti tal-istess Digriet tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 3751/99/FGC, u tifhem ukoll l-importanza tal-kawza u sentenza li saret riferenza ghaliha mill-konvenuti iktar u iktar meta din titratta dwar ir-revoka *o meno* tal-istess att kawtelatorju, xorta wahda thoss li z-zewg kawzi huma ben separati u distinti minn xulxin, stante li wahda titratta dwar l-allegazzjoni jekk meta l-istess mandat kien *in vigore* giex effettivament injorat jew obdut mill-konvenuti odjerni, liema allegazzjoni wasslu ghall-procedura ta' disprezz odjerna, mentri l-kawza l-ohra titratta dwar il-validita' *o meno* tar-ragunijiet moghtija ghall-hrug tal-istess mandat.

Illi nfatti anke mill-eccezzjonijiet kif imposti sallum mill-konvenuti, l-unika kontestazzjoni ghal din il-kawza hija biss dik li huma ma ghamlu l-ebda att li jista' jitqies bhala ammontanti ghall-disprezz ta' din il-Qorti, u fil-fatt l-ezami li qed isir f'din il-kawza huwa prorpju limitat ghal dan il-punt, liema evalwazzjoni fiha innfisha ma ghandha x'taqsam xejn mal-kawza l-ohra indikata bejn l-istess partijiet,

Illi ghalhekk f'dan l-istadju tal-kawza, fejn din tinsab ghall-provi tal-konvenuti, u fid-dawl tal-eccezzjonijiet sallum moghtija, din il-Qorti ma thossx li ghandha tilqa' t-talba tal-*Union* konvenuta ghas-soprasessjoni, stante li ma hemm sallum xejn fil-kawza l-ohra li jimpingi fuq l-azzjoni attrici u l-eccezzjoni tal-istess konvenuti, peress li sallum l-unika kwistjoni pendenti quddiem din il-Qorti hija kwistjoni ta' fatt

jekk l-konvenuti ottemporawx ruhhom mad-digrieti indikati jew le, li fuqhom jiddependu is-sanzjonijiet *o meno* tad-disprezz kontemplati fil-**Kap 12.** Fil-fatt ma dan kollu l-kawza jew kawzi citati mill-konvenuti ma ghandhom x'jaqsmu xejn.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-opposizzjoni tas-socjeta' attrici ghat-talba tal-*Union* konvenuta ghas-soprasessjoni, **tichad f'dan l-istadju t-talba tal-*Union* konvenuta ghas-soprasessjoni skond il-verbali tas-27 ta' Gunju 2001 u 15 ta' Novembru 2001** stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk din il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Bl-ispejjez riservati ghall gudizzju finali f'din il-kawza.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**6 ta' Frar 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**6 ta' Frar 2002**